MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 12/2012

**Appell numru 12/2012**

**David Mifsud u Stephanie Mifsud**

**vs**

**MaltaPost p.l.c. (C 22796)**

**Il-Qorti**

**Rat** li fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012 it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet mija u tlettax-il ewro u tmien centezmi (€313.08) rapprezentanti prezz ta' mobile phone li meta ntbaghat bil-posta registrata minn Malta lejn l-Ingilterra, dan il-mobile phone intilef.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorenti li huma l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rapprezentanti tas-socjeta' intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkunsidra s-segwenti:*

*Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma baghtu mobile phone bil-posta registata minn Malta lejn l-Ingilterra u dan il-mobile phone ntilef fit-tragitt, tant illi infurmati mill-British Post illi ntilef.*

*Is-socjeta' intimata ssottomettiet illi mhix responsabbli ghat-telf tal-mobile phone, ghax gie kkonsenjat lis-servizzi postal gewwa l-Ingilterra jigifier r-Royal Mail u ntilef hemm u li s-socjeta' intimata offriet kumpens ta' credit note ta' hamsa u tletin ewro u tletin centenzmu (€35.33).*

*It-Tribunal jinota illi:*

*MaltaPost plc qed tipprova twahhal fir-Royal Post li dan il-mobile phone, ossia pakett intilef.*

*It-Tribunal, jinnota r-relazzjoni guridika hija bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u r-Royal Post m'ghandha x'taqsam xejn f'din ir-relazzjoni guridika.*

*It-Tribunal, ukoll jinnota illi kien hemm negligenza grossolana da parte tal-intimat illi meta l-pakkett ikun registrat ghandu jkun hemm xi tip ta' moniteragg u dana ntilef kompletament, u ghalhekk jikkonkludi li kien hemm negligenza da parte tas-socjeta' intimata. Ir-Royal Mail hija sub-contractor allura tal-intimat, pero' fl-ahhar mill-ahhar huwa l-itnimat responsabbli ghal dan il-pakkett.*

*It-Tribunal ghalhekk jinnota li anke ghall-grazzja ta' l-argument, jekk il-MaltaPost kellha toffri xi kumpens, dana zgur m'ghandux ikun f'tip ta' credit note.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' intimate thallas l-ammont ta' tliet mija u tlettax-il ewro u tmien centezmi (€313.08) bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.*

**Rat** li s-socjeta' intimata Malta Post p.l.c. hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta' Appell tas-socjeta' appellanti fejn gie premess :-

Illi permezz ta' Avviz tat-Talba ipprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, ir-rikorrenti kienet talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' esponenti thallas danni fis-somma ta' tlett mija u tlettax-il euro u tmien cent (€313.08), rapprezentanti l-prezz ta' mobile phone li meta ntbaghat bil-posta registrata minn Malta lejn l-Ingilterra, dan il-mobile phone ntilef fil-posta, u dana skond kif jirrizulta ahjar mill-precitat Avviz tat-Talba;

Illi s-socjeta' esponenti eccepiet illi:

1) Primarjament, a tenur tal-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta), l-operatur postali (cioe' MaltaPost p.l.c. f'dan il-kaz) m'ghandu jinkombi ebda responsabbiltà ghal kumpens minhabba f 'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil, xi ogett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta;
2) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
3) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-oggett postali mibghut mir-rikorrenti gie mibghut l-Ingilterra minn MaltaPost p.l.c. permezz tal-posta registrata skond it-talba ta' l-istess rikorrenti, liema oggett postali fil-fatt wasal l-Ingilterra u hemm gie kkonsenjat lis-servizzi postali tal-Ingilterra (Royal Mail);
4) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, is-servizz ta' posta registrata ma tinkorporax fih servizz ta' assigurazzjoni jew ta' indennizz tal-oggetti hekk mibghuta izda tassigura li l-mittent jkollu konferma li d-destinatarju jkun ircieva l-oggett mibghut permezz tal-imsemmija posta registrata (vide l-kopja annessa mar-Risposta tas-socjeta' esponenti u li hemm qieghda Dokument "A")
5) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-atturi jew min minnhom qatt ma talbu ghal servizz li jindennizzahom jew lil min minnhom minhabba f 'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lill-ogett mibghut minnhom bil-posta registrata;
6) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, MaltaPost p.l.c. taghti rcevuta lill-mittent ghal kull oggett li jintbaghat bil-posta registrata u fuq in-naha ta' wara ta' kull tali rcevuta hemm miktub bl-aktar mod car illli l-kumpens li jinghata huwa skond kif jipprovdi l-Universal Postal Union (UPU)", liema kumpens huwa mfisser fil-kundizzjonijiet generali ta' servizz ta' MaltaPost p.l.c. (vide il-kopja annessa mar-Risposta tas-socjeta' esponenti u li hemm qieghda mmarkata bhala Dokument "B") u liema Universal Postal Union (UPU) Regulations, senjatament fil-klawzola numru 4 tal-Artikolu "RL 155" tal-"Letter Post Manual" jipprovdu illi: "The amount of the indemnity … for the loss of, total theft from or total damage to a registered item shall be 30 SDR", liema 30 SDR f'valuta legali hawn Malta huma ekwivalenti ghal hamsa u tletin euro u tlieta u tletin cent (€35.33);
7) Illi s-servizzi postali tal-Ingilterra accettat li l-oggett mibghut mill-atturi permezz tal-posta registrata kien gie kkonsenjat lilhom minn MaltaPost p.l.c. u a tenur tal-pecitati UPU Regulations Royal Mail tablet lil MaltaPost p.l.c. biex taghti l-kumpens ta' l-imsemmi 30 SDR lill-atturi u ghalhekk MaltaPost p.l.c. kien baghat "credit note" fil-valur ta' €35.33 (cioe' l-ekwivalenti tal-imsemmija 30SDR f'valuta legali hawn Malta), liema "credit note" qatt ma gie msarraf mill-atturi;

L-istess socjeta' esponenti, filwaqt li talbet lit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex tichad t-talbiet tar-rikorrenti kif fuq inghad stqarret ukoll li f'kaz li l-istess Tribunal kellu jsib li r-rikorrenti ghandha tigu kkumpensata minn MaltaPost p.l.c. fir-rigward tat-talba taghha precitata allura MaltaPost p.l.c. ma kellhiex tigi kkundannata thallas lill-istess rikorrenti aktar minn hamsa u tletin euro u tlieta u tletin cent (€35.33) li huma l-ekwivalenti f'valuta legali tal-imsemmi 30 SDR.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fil-5 ta' Marzu 2012, it-Tribunal qata' u ddecieda l-kawza billi laqa' t-talba tar-rikorrenti *in toto* u ordna lis-socjeta' esponenti thallas il-precitata somma ta' €313.08, bl-ispejjez.

Illi s-socjeta' esponenti thoss ruhha aggravata bis-sentenza fuq citata u dana peress li it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi kemm likwida kumpens a favur tar-rikorrenti appellata meta ma kellu l-ebda gurisdizzjoni biex jghamel dan kif ukoll mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' u ta' l-ekwità skond il-ligi u dik l-azzjoni ppregudikat il-jeddijiet tas-socjeta' esponenti appellanti;

Ghalhekk, is-socjeta appellanti qed titlob, a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta), li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-aggravju li t-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi likwida kumpens a favur tar-rikorrenti appellata meta ma kellu l-ebda gurisdizzjoni biex jghamel dan jirrizulta lampanti mill-fuq citat artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta) li la l-operatur postali (cioe' MaltaPost p.l.c. f'dan il-kaz) m'ghandu jinkombi ebda responsabbiltà ghal kumpens minhabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil, xi oggett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta l-istess Tribunal ma seta' qatt jkompli jisma l-mertu tal-kaz. Effettivament billi kompla jisma l-kaz fuq il-mertu u ta' l-eventwali sentenza tieghu, t-Tribunal approprja ghalieh, b'mod indebitu, gurisdizzjoni li fil-fatt m'ghandux, u dana bi pregudizzju serju kontra s-socjeta' esponenti.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-aggravju li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' skond il-ligi, l-istess socjeta' esponenti

tissottometti illi minn qari tas-sentenza hawn appellata jidher lampanti li t-Tribunal ma osservax d-dettami stabbiliti mill-*principles of natural justice* ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dover tal-gudikant li ma jkollu l-ebda *bias* a favur jew kontra ta' xi wiehed mill-partijiet fil-kawza. Mill-kliem tat-Tribunal kwotati testwalment mis-sentenza precitata, cioe' "ovvjament dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti" dan il-*bias* , anzi pregudizju qawwi, jirrizulta bl-aktar mod car u manifest. Ghandu jinghad li biex jinstab li gudikant kien *biased* ma hemmx il-htiega li jintwera li tali gudikant kellu interess finanzjarju per se fl-ezitu tal-kaz izda biss li jintwera li mill-attegament tieghu jew anke min dak li jghid tali gudikant jidher li ma huwiex imparzjali; Jigi sottomess bl-akbar umilta' li l-ezami li trid taghmel dina l-Onorabbli Qorti biex tara jekk effettivament it-Tribunal hekk kif presjedut kienx imparzjali jew le ghandha tkun billi thares lejn il-kwistjoni mill-lenti ta' osservatur rett u infurmat, u cioe' mill-lenti tal-*bonus paterfamilias*; Allura dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tara jekk effettivament kienx hemm *bias* kontra s-socjeta' esponenti ghandha tqis jekk kemm il-fatt li t-Tribunal alloka lilu nnifsu gurizdizzjoni biex jillikwida danni a skapitu tas-socjeta' esponenti meta' dan ma huwiex permissibbli skond artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali specjalment meta' *lex specialis derogat lex generalis*, kif ukoll il-fatt li t-Tribunal wasal biex jiddikjara li "ovvjament dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti" meta kien ben munit bil-versjoni tal-fatti jistghux jigu interpretati bhala turija ta' *bias*; Illi anke minn qari superficjali tas-sentenza hawn appellata jidher lampanti li t-Tribunal hekk kif presjedut ha antipatija kbira mas-socjeta' appellanti sa mill-bidu nett tal-kawza. Il-prova regina ta' din l-antipatija li t-Tribunal ha kontra l-appellanti hija t-terminologija wzata mit-Tribunal fir-rigward ta' dak li skond it-Tribunal kien n-nuqqas tal-appellanti li taghmel xi tip ta' moniteragg fuq l-oggett postali; di fatti t-Tribunal ddikjara li kien hemm "negligenza grossolana" da parti tas-socjeta' esponenti meta fil-fatt gie ippruvat mix-xhieda mhux kontradetta tal-impjegati tas-socjeta' esponenti li s-socjeta' MaltaPost, bis-sistema taghha ta' "track and trace" kienet qed tara kull moviment tal-oggett sakemm dan fil-fatt gie kkonsenjat lil Royal Mail, haga li anke setghu jaghmlu l-appellati permezz ta' l-internet; Illi anke l-kliem "MaltaPost qed tipprova twahhal fir-Royal Post li dan il-*mobile phone*, ossia pakkett intilef". Bir-rispett kollu hemm mod u mod kif l-affarijiet jistaghu jinghaddu u certament dan ma huwiex il-mod li dak li t-Tribunal forsi xtaq jghid kellu jigi espress fis-sentenza tieghu.

Illi l-kliem precitati juru bl-aktar mod lampanti l-pregudizzju li t-Tribunal hekk kif presjedut kellu fil-konfront tas-socjeta'.

Illi t-Tribunal kompla juri kemm kien pregudikat kontra s-socjeta' appellanti meta, ikkritika s-socjeta' esponenti talli din offriet credit note lil David u Stephanie Mifsud fl-ammont ta' (€35.33) (cioe' l-ekwivalenti tal-imsemmija 30SDR f'valuta legali hawn Malta) u mhux xi forma ohra ta' kumpens. Dan m'ghandu xejn x'jaqsam mal-mertu tat-talba u ghal finijiet tad-decizjoni fuq il-mertu kull konsiderazzjoni dwar din il-grajja hija rrilevanti; Apparti mill-kritika harxa jirrizulta b'mod car li t-Tribunal ma ta l-ebda kaz la tal-fatt li l-ircevuta li nghata lir-rikorrenti appellata li fuqha hemm elenkati l-*conditions of carriage* turi illi dik it-tip ta' posta teskludi assikurazzjoni ghall-kontenut tal-pakkett, u lanqas ma ta kaz tal-fatt li r-rikorrenti appellati certament ma humiex illiterati (kif jixhed l-avviz tal-talba u anke l-komportament quddiem it-Tribunal) u lanqas ukoll tal-istqarrija rikorrent li ma giex f'mohhom jassikuraw l-oggett postali; Illi l-MaltaPost, wara d-decizjonijiet tal-istess Tribunal fil-kazjiet dwar l-istess mertu li jgibu l-isem ta' James u Caroline Gauci vs MaltaPost p.l.c. tas-27 ta' Ottubru 2010 u Charmaine Grech vs MaltaPost p.l.c. tas-27 ta' Ottubru 2010, kienet emendat it-termini li jinsabu fuq wara tal-istess ircevuta kif idderigieha t-Tribunal sabiex tinforma adegwadament lill-klijenti taghha dwar l-indennizz fuq posta registrata (kif jirrizulta mill-anness xempju li qieghed jigi mmarkat bhala Dok. "X" u li gja jinsab in atti); minkejja dan, ghal darb'ohra, il-MaltaPost giet mitluba u eventwalment kundannata thallas kumpens shih, u dana minkejja li mxiet mar-rikjesta tal-istess tribunal; Illi di pju, il-fatt li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-ekwita' skond il-ligi ppregudikat il-jeddijiet tas-socjeta' appellanti;

Illi skond kif gie stabbilit mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 2005 moghtija fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet "Jennifer Hubbers vs Rite Mix (Gatt Bros) Ltd." (App. Civ. 5/2004), "Il-gustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-decizjoni tat-Tribunal tkun bazata fuq il-fatti provati" u ghalhekk "din il-Qorti ma hix eskluza mill-funzjoni li tiddeciedi jekk tali decizjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-gustizzja sostantiva u l-ekwita";

Illi effettivament l-applikazzjoni tal-principju ta' ekwita' ma tfissirx li l-ligi sostantiva applikabbli ghal-kaz ghandha tigi skartata, l-ekwita' ghandha biss tintuza bhala sostitut f'dawk il-kazi fejn il-ligi hija karenti. Fil-kaz odjern mhux talli l-ligi li tirregola indenizz tal-allegat telf tal-rikorrenti appellata ma kienitx karenti izda kif inghad hemm provvediment specifiku - artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali - li jipprovdi li l-operatur postali (cioe' MaltaPost p.l.c. f'dan il-kaz) m'ghandu jinkombi ebda responsabbiltà ghal kumpens minhabba f 'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil, xi oggett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta, liema ligi jidderoga l-effetti kemm tal-ligi applikabbli ghar-rizarciment ta' danni u anke l-principji ta' ekwita';

Illi s-sentenza tat-Tribunal lanqas ma timplimenta la l-gustizzja sostantiva u wisq anqas l-ekwita' u dan ghaliex it-Tribunal ordna lis-socjeta' esponenti biex thallas kumpens ta' €313.08 lill-appellati u cioe' kumpens tal-allegat valur tal-oggett mibghut bil-posta, u dana meta l-indenniz mhux talli kienet esplicitament eskluza permezz tal-ircevuta li nghatat lill-appelleta (vide ix-xempju Dok "X" anness – li gja jinsab in atti) MD, izda wkoll a tenur tal-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta). U fuq kollox, l-appellata qatt ma talbet li jkollha din it-tip ta' assikurazzjoni, ghaliex (kif del resto jirrizulta mill-atti) l-appellata setghet facilment taghzel tip ta' posta ohra li jipprovdilha dan it-tip ta' assikurazzjoni!

Il-fatt li s-socjeta' esponti offriet li thallas lir-rikorrenti 30 SDR (Special Drawing Rights) ekwivalenti f'euro ghal hamsa u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€35.33) skond il-klawzola numru 4 tal-Artikolu "RL 155" tal-"Letter Post Manual" Universal Postal Union (UPU) Regulations, bhala "kumpens ghall-inkonvenjent" (li ma jista' qatt jigi ppraragunat ma indenizz) ma jista' bl-ebda mod jnehhi mill-obbligu tat-Tribunal li japplika l-provvedimenti tal-precitat artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-sentenza precitata tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi tippregudika gravament id-drittijiet tas-socjeta' esponenti, ghax skond l-istess sentenza s-socjeta' esponenti se jkollha tikkumpensa lill-appellata ghal xi haga li l-istess appellata la kienet assikurata ghaliha (ghalkemm setghet facilment titlob li jkollha tali assikurazzjoni) u l-

anqas tista’ tkun intitolata ghaliha taht l-provvedimenti legali applikabbli gharrizarciment tad-danni;

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta appellanti qed titlob li din il-Qorti, prevja li tiddikjara li japplikaw l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta’ Malta, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minnflokk tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet rikorrenti fl-isfond tal-eccezzjonijiet tas-socjeta esponenti fl-interita’ taghhom, u dan a tenur tal-imsemmi Kap.378 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez.

**Rat** li l-appellati naqsu milli jippresentaw risposta bil-miktub pero’ d-difensur tghhom kienet presenti ghas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2013 u ttrattat oralment l-appell tas-socjeta’ appellanti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kompilati quddiem it-Tribunal cioe’ l-ewwel Qorti.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan l-appell hu minn sentenza tat-28 ta’ Gunju 2012 tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi. L-appellati David Mifsud u Stephanie Mifsud inizjaw dawn il-proceduri b’avviz ippresentat fl-imsemmi Tribunal fejn huma talbu danni ammontanti ghal tliet mija u tlettax-il ewro u tmien centezmi

(€313.08) prezz ta' "mobile phone" li ntilef meta ntbaghat bil-posta registrata minn Malta ghall-Ingilterra.

L-appellanti rrispondew, quddiem it-Tribunal, li huma mhux responsabbli ghat-telf tal-mobile phone, stante li dan intilef meta gie kkonsenjat lir-Royal Mail fl-Ingilterra u inoltre l-appellanti offrew lill-appellati kumpens permezz ta' credit note ghal hamsa u tletin euro u tletin centenzmu (€35.30). Jirrizulta li s-socjeta' appellanti hadet parti attiva fil-proceduri quddiem it-Tribunal tant li pproduciet ukoll ix-xhieda taghha.

Specifikament l-eccezzjonijiet tal-appellanti, quddiem it-Tribunal, kienu varji u cioe' primarjament huma ghamlu referenza ghall-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li l-appellanti bhala l-operatur postali mhux responsabbli biex ihallas kumpens ghal telf, u nuqqas ta' konsenja ta' oggett postali meta dan jintbaghat bil-posta. Sussidjarjament huma eccipew li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Sussegwentement jissottomettu li l-oggett postali in kwestjoni gie mibghut l-Ingilterra mill-appellanti permezz tal-posta registrata, skond it-talba ta' l-istess appellati, liema oggett postali fil-fatt wasal l-Ingilterra ghand l-operatur postali ta' dak il-pajjiz cioe' Royal Mail.

L-appellanti eccipew ukoll li s-servizz ta' posta registrata ma jinkorporax fih servizz ta' assigurazzjoni jew ta' indennizz tal-oggetti izda tassigura biss li l-mittent jinghata konferma li l-oggett gie konsenjat lid-destinatarju. Inoltre ssottomettew li l-appellanti jaghtu biss rcevuta lill-mittent u f'tali ricevuta fuq in-naha ta' wara hemm indikat li l-kumpens li ghandu jinghata huwa kif tipprovdi l-Universal Postal Union (UPU) u cioe' hamsa u tletin euro u tlieta u tletin centezmu (€35.33). Ikomplu jissottomettu li una volta li l-oggett postali gie konsenjat lis-servizzi postali inglizi li accettawh ir-responabilita tghaddi fuq l-imsemmija awtorita' barranija. L-appellanti sostnew ukoll li nonostante li huma offrew li jaghtu credit note lill-appellati ghas-somma gia indikata cioe' ta' €35.33 izda l-appellati ma accettawiex.

It-Tribunal iddecieda l-vertenza bl-imsemmija sentenza appellata, billi t-talbiet tal-appellati gew akkolti u gie ordnat lis-socjeta' appellanti thallas l-ammont ta' tliet mija u tlettax-il ewro u tmien centezmi (€313.08). L-istess socjeta' giet ukoll ordnata thallas l-ispejjez.

Il-Qorti thoss li ghandha, fl-ewwel lok, tikkumenta dwar it-termini uzati fir-rikors tal-appell. Mhux legittimu li jigi uzat certu linguagg fir-rigward tal-Arbitru, li ddecieda l-vertenza. L-Arbitru hu avukat prattikanti u mhux lecitu li jsiru certi kummenti min xi hadd li jipprattika l-istess professjoni. Jista jinghad li fl-imsemmi rikors saru akkuzi ben precizi diretti lejn l-Arbitru. Dawn huma akkuzi serji li m'ghandhom qatt isiru fil-konfront ta' professjonist, li ghalih, bhala Arbitru, ghandu jassikura li ma jkun hemm ebda pregudizzju kontra parti f'kawza. Iktar u iktar jekk tali pregudizzju hu addebitat lill-istess arbitru. Inoltre l-akkuzi li saru mhux sostnuti bi provi u f'dan ir-rigward l-appellanti jaghmlu biss referenza ghal certu frazijiet li ntuzaw mill-arbitru fl-istess sentenza appellata. Zgur li dan mhux bizzejjed biex jista jinghad li l-akkuzi in kwestjoni huma fondati.

Qabel ma jigu ttrattati l-aggravji tal-appellanti kif kontenuti fir-rikors tal-appell, il-Qorti ser tikkumenta brevement fuq l-imsemmija eccezzjoni kif gew sottiomessi lit-Tribunal. Fl-ewwel lok l-appellanti jaghmlu referenza ghall-artikolu 29 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta cioe' Att dwar is-Servizzi Postali. Dan l-artikolu jipprovdi li l-operatur postali, cioe' l-appellanti, m'ghandux jitqies li hu responsabbli biex ihallas kumpens minhabba telf jew nuqqas ta' konsenja lid-destinatarju ta xi oggett postali. Dan pero', skond l-istess artikolu 29, ma japplikax meta jkun hemm qbil dwar il-kumpens li ghandu jinghata bejn l-istess operatur u l-mittent. Lanqas ma hu applikabbli meta l-kumpens ikun gie stabilit permezz ta regolamenti maghmula in forza tal-Att in kwestjoni. Hawnhekk l-appellanti jirreferu ghar-regolamenti tal-Uniiversal Postal Union (UPU) li jipprovdu li tali kumpens ma jistax ikun aktar minn €35.30. Hemm dubju jekk dawn l-ahhar imsemmija regolamenti ghandhomx japplikaw stante li ma sarux in forza ta' xi artikolu tal-Att 254. Apparti minn dan ghandu jinghad li lit-Tribunal irrizultalu li f'dan il-kaz kien hemm "negligenza grossolana" attribwibbli lis-socjeta' appellanti.

Kif gia rilevat, skond l-istess artikollu 29, l-operatur postali pero ghandu jitqies li hu responsabbli jekk tirrizulta l-malafede jew it-traskuragni da parte tieghu. Una volta li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellanti kienu traskurati, tali artikolu mhux applikabbli. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni in kwestjoni tat-Tribunal u

cioe’ li kien hemm traskuragni u negligenza minn naha tal-appellanti u ghalhekk tikkonferma li t-Tribunal kellu ragun li jiskarta din l-eccezzjoni kif jidher li ghamel fis-sentenza appellata.

Is-sottomissjoni segwenti ukoll jisthoqqilha li tigi skartata mit-Tribunal stante li l-fatt li l-oggett postali gie konsenjat lill-operaturi postali Inglizi bl-ebda mod ma jesonera mir-responsabilita’ lill-appellanti, li obbligaw ruhhom versu l-appellati li jikkonsenjaw regolarment l-oggett mibghut lid-destinatarju.

Il-fatt li l-appellanti inkarigaw lil haddiehor biex jiehu hsieb li jwassal il-pakkett f’parti mit-tragitt ma jfissirx li l-appellanti ma jibqghux responsabbli li debitament jikkonsenjaw l-oggett postali lid-destinatarju. Inoltre l-fatt li l-oggett postali ntbaghat lejn l-Ingilterra permezz tal-posta registrata lanqas ma jezimi lill-appellanti mill-imsemmija responsabilita’ lejn l-appellati.

Is-sottomissjonijiet dwar xi jfisser li oggett postali jintbghat bil-posta registrata ma jimmeritawx li jigu kummentati. Hu ovvju li tali sottomissjonijiet legalment huma rrilevanti ghal finijiet tal-vertenza in kwestjoni. Ma jaghmel ebda differenza jekk is-servizz tal-posta registrata jinkorporax jew le assigurazzjoni tal-oggett mibghut. Tali kwestjoni ma tbiddel xejn fir-rigward tar-responsabilita’ tal-appellanti. Il-fatt li fuq ir-ricevuta li tinghata lill-mittent hemm “disclaimer” ukoll ma ibiddel xejn kwantu ghall-meritu tal-kwestjoni. Una volta li jirrizulta li kien hemm traskuragni jew negligenza da parti tal-appellanti ebda dikjarazzjoni fuq ricevuta ma ghandha l-forza li tkun mod ta’ kif l-appellanti jistghu jaharbu mir-responsabilita’ taghhom.

Inoltre l-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tat-Tribunal dwar l-offerta ta’ risarciment li saret mill-appellanti u li l-appellati ma accettawx.

Ghalhekk jirrizulta li ghamel seww it-Tribunal li rrigetta l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ appellanti, u dan kif jidher li ghamel mill-istess sentenza appellata.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-aggravji tas-socjeta’ appellanti.

Il-varji aggravji tal-appellanti mhux indikati b'mod car fir-rikors tal-appell. Jidher li l-ewwel aggravju jirrigwarda l-likwidazjoni tal-kumpens a favur l-appellati li saret mit-Tribunal. L-appellanti jissottomettu li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni sabiex jghamel tali likwidazzjoni. Skond l-appellanti hawnhekk it-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u ta' l-ekwità skond il-ligi u b'hekk l-appellanti jsostnu li gew ippregudikati. L-appellanti jaghmlu, hawnhekk, referenza ghall-imsemmi artikolu 22(2) tsl-Kapitolu 378 u ghal gia citat artikolu 29 tal-Kapitolu Kap 254. Il-Qorti gia ezaminat f'certu dettal dawn l-artikoli u ma jirrizultax li dawn b'xi mod jeffetwaw il-gurisdizzjoni tat-Tribunal fil-pesenti kaz. Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita li jigi rigettat.

Aggravju iehor sottomess mill-appellanti hu li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalita'. Il-Qorti gia ttrattat din il-kwestjoni u hu zgur li ma jirrizultax li b'xi mod l-Arbitru kien prgudikat fil-konfront tal-appellanti. Ma jirrizultax fi kliem l-appellanti "b'mod lampanti" mill-qari tas-sentenza li t-Tribunal ma osservax d-dettami tal-gustazzja naturali.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mill-varji sentenzi u frasijiet ikkwotatati mil-appellanti mis-sentenza appellata, ma jirrizulta ebda "bias" kontra taghhom. Dawn il-frasijiet huma semplicement asserzjoniiet u kostatazzjonijiet ta' fatti u rizultanzi li wasal ghalihom it-Tribunal.

Hu zgur li l-appellanti ma pprovawx li l-Arbitru kellu xi interess finanzjarju fl-esitu tal-kawza u lanqas ma gie pprovat li l-attegament tal-arbitru kien jindika li hu ma kienx imparzjalita'. Inoltre din il-Qorti tirringrazzja lill-appellanti u lid-difensuri taghhom tal-parir taghhom dwar x'ghandha tghamel din il-Qorti sabiex tevalwa l-grad ta' imparzjalita' li ntwera mill-Arbitru f'dan il-kaz. In effett il-Qorti taf x'ghandha tghamel u fil-fatt dan ghamlitu sabiex tista tikkonkludi li dn l-aggravju jimmerita li jigi rigettat. Dawn l-akkuzi gravi li saru mill-appellanti definittavament huma infondati. Il-Qorti pero' taqbel mal-appellanti meta jissottomettu li "hemm mod u mod kif l-affarijiet jistghu jinghaddu" u l-appellanti setghu facilment ghazlu mod iehor kif jesprimu l-aggravji taghhom. F'dan ir-rigward l-appellanti setghu ukoll jaghzlu li ma jikkumentawx dwar jekk l-appellati humiex litterati jew le.

It-Tribunal ghamel xogholu billi wara li ha konjizzjoni ta’ dak kollu li kien rilevanti, wasal biex jikkundana lill-appellanti ihallas is-somma kif mitluba mill-appellati fl-avviz promotur taghhom. Ghalhekk lanqas ma jista jinghad li t-Tribunal illikwida d-danni. It-Tribunal ghandu s-setgha biex jaghmel dan u kwindi ma hemm xejn f’xhiex jista jigi censurat jew sindakat.

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal dak kollu li ntqal aktar il-fuq f’din is-sentenza fir-rigward ta’ ecezzjonijiet kif sottomessi mill-appellanti quddiem it-Tribunal.

Ghalhekk dan l-appell jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta’ appellanti MaltaPost p.l.c. u fl-istess hin tikkonferma fit-totalita’ taghha s-sentenza appellata cioe’ dik tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur tat-28 ta’ Gunju 2012 fl-istess ismijiet premessi.

Spejjez kollha ta’ dan l-appell jithallsu mis-socjeta’ appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------